



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 14 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

8856/21

DEVGEN 97
EDUC 175
SAN 300
SUSTDEV 66
ACP 44
RELEX 440
COVID-19 206

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 14 ta' Ġunju 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8654/21

Suġġett: It-tisħiħ tal-impenn ta' Tim Ewropa għall-Iżvilupp tal-Bniedem
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Ġunju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-impenn ta' Tim Ewropa għall-Iżvilupp tal-Bniedem, adottati mill-Kunsill fit-3802 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Ġunju 2021.

It-tisħiħ tal-impenn ta' Tim Ewropa għall-Iżvilupp tal-Bniedem**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. Il-Kunsill itenni li l-iżvilupp tal-bniedem huwa essenzjali biex jinqered il-faqar u jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), inkluż billi jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. L-involviment fl-iżvilupp tal-bniedem huwa għalhekk element ċentrali tal-azzjoni esterna tal-UE u tas-sħubijiet internazzjonali, f'konformità mal-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.
2. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal fokus imġedded fuq l-appoġġ għall-iżvilupp tal-bniedem u l-avvanz tiegħu fl-involviment estern tal-UE. Dan jeħtieġ kemm tmexxija politika b'saħħitha kif ukoll sforzi konġunti, speċjalment fejn hemm l-aktar bżonn. Fl-istess ħin, hemm opportunitajiet biex jiġu segwiti l-interessi u l-valuri tal-UE, filwaqt li jiġi appoġġat multilateraliżmu effettiv man-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-qalba tiegħu.
3. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur miżjud u l-potenzjal ta' benefiċċju reċiproku li jistgħu jinkisbu jekk l-iżvilupp tal-bniedem jiġi promoss bħala komponent ewlieni tal-approċċ tal-UE għall-iżvilupp fil-kuntest ġeopolitiku attwali, filwaqt li jirrikonoxxi b'mod sħiħ li l-iżvilupp huwa mmexxi mill-prijoritajiet u s-sjieda tal-pajjiżi sħab. Il-Kunsill għalhekk jappoġġa approċċ imsaħħaħ ta' Tim Ewropa għall-iżvilupp tal-bniedem.
4. Filwaqt li jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha, inkluż f'termini ta' żieda fl-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni fil-forom kollha tagħha, jirrappreżentaw xokk bla preċedent għall-iżvilupp tal-bniedem, jipperikolaw il-gwadanji miksuba f'dawn l-aħħar deċennji, jaggravaw l-inugwaljanzi u jdgħajfu l-koeżjoni soċjali, il-Kunsill ifakkar li l-isforzi ta' rkupru sostenibbli għandhom ikunu ffukati fuq il-bniedem u ma jħallu lil ħadd jibqa' lura, bil-għan ta' "rikostruzzjoni aħjar u aktar ekoloġika", filwaqt li jiġi applikat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem.

5. Filwaqt li jirrikonoxxi li d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni huma pedamenti tal-iżvilupp tal-bniedem, il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari għat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha u l-parteċipazzjoni ta', fost l-oħrajn, żgħażaġh, bniet u nisa, persuni b'diżabilità u persuni LGBTI, kif ukoll għall-protezzjoni ta' dawk li jinsabu f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati, inkluż it-tfal.
6. Il-Kunsill jirrikonoxxi li s-saħħa u l-edukazzjoni huma elementi kostitwenti ewlenin tal-iżvilupp tal-bniedem, li jiddependi wkoll fuq servizzi soċjali bażiċi oħra, bħas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, l-ilma, is-sanità u l-iġjene, u l-protezzjoni soċjali. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali lid-dieti li jeħtieġu t-tfal u l-adoloxxenti sabiex jikbru u jiżviluppaw sal-potenzjal sħiħ tagħhom, inkluż permezz ta' programmi dwar is-saħħa u n-nutrizzjoni fl-iskejjel. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-appoġġ sistemiku għas-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni b'mod partikolari huwa kruċjali biex jiġu żgurati l-prevenzjoni u l-irkupru, tissaħħaħ ir-reżiljenza, jiġu promossi l-istabbiltà u t-tkabbir sostenibbli u jittaffa l-impatt fit-tul tal-pandemija fuq it-telf tal-introjtu u l-faqar. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li ssir enfasi fuq pajjiżi bi dħul baxx u fraġli f'dak ir-rigward.
7. Filwaqt li jirrikonoxxi n-natura multidimensjonali tal-iżvilupp tal-bniedem, il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li jiġu indirizzati l-interkonnnessjonijiet ma' prijoritajiet u oqsma oħra, fost l-oħrajn, il-protezzjoni soċjali, il-governanza tajba, it-tibdil fil-klima, l-ekonomija ekoloġika, iż-żgħażaġh, l-impjiegi, id-diġitali għall-iżvilupp (D4D) u r-rabta tripla. Barra minn hekk, il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol kritiku li għandha s-soċjetà ċivili fil-kisba tal-eżiti tal-iżvilupp tal-bniedem.
8. Il-Kunsill jappella għal azzjoni komprensiva biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa u tinkiseb kopertura tas-saħħa universali (UHC), inkluż aċċess ekwu għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità, effettivi, inklużivi u affordabbli. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu promossi soċjetajiet li jippermettu lin-nies jgħixu ħajja f'saħħithom, filwaqt li tiġi promossa s-saħħa pubblika lil hinn mis-settur tas-saħħa.

9. Il-Kunsill ifakkar li l-UE tibqa' impenjata għal aktar sforzi u azzjonijiet biex tiżgura l-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u, f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR). B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.
10. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza tat-tisħiħ tal-kapaċità ta' tħejjija, reżiljenza u rispons tas-sħab kontra t-theddid għas-saħħa u tal-appoġġ għas-sigurtà tas-saħħa globali, inkluż permezz tal-approċċ "Saħħa Waħda". F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar "Saħħa Waħda" li għadu kif inħoloq. Barra minn hekk, il-Kunsill ifakkar fl-opportunità pprovduta mis-Summit Globali dwar is-Saħħa u mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa biex jiġu kondiviżi t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 u jiġu żviluppati prinċipji għal aktar kooperazzjoni multilaterali u azzjoni konġunta għall-prevenzjoni ta' kriżijiet tas-saħħa globali futuri.
11. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat aċċess universali, ekwu, ta' kwalità u affordabbli għal mediċini, vaċċini u teknoloġiji tas-saħħa essenzjali għal kulħadd, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ li jibqa' għaddej tal-UE u tal-Istati Membri għall-Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19 (ACT-A), il-COVAX bħala l-istrument ewlieni biex tiġi żgurata distribuzzjoni ekwa ta' vaċċini sikuri u effettivi kontra l-COVID-19, appoġġat mill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Kondiviżjoni tal-Vaċċini u permezz ta' appoġġ fil-livell bilaterali, tal-pajjiż u dak reġjonali. Barra minn hekk, il-Kunsill jappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-pajjiżi sħab biex jintroduċu kampanji dwar l-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni ta' vaċċini.

12. Il-Kunsill jappella għal appoġġ komprensiv, ikkoordinat tajjeb u effettiv fil-livell globali, reġjonali u tal-pajjiż għat-tisħiħ tas-sistemi edukattivi f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' finanzjament permezz ta' sħubiji globali, bħas-Sħubija Globali għall-Edukazzjoni. Il-Kunsill jappella wkoll għal appoġġ biex tiġi żgurata t-tlestija tal-edukazzjoni preprimarja, primarja, sekondarja u għolja mingħajr ħlas, ekwa u ta' kwalità, bħala prerekwiżit għall-prospetti futuri taż-żgħażaġh, speċjalment il-bniet u dawk li jgħixu f'komunitajiet emarġinati u f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħar-refuġjati u l-persuni spustati. Il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ħiliet tekniċi u vokazzjonali permezz ta' sistemi adegwati ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET) matul iċ-ċiklu tal-ħajja hija kruċjali biex tingħata spinta lill-intraprenditorija u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli.
13. Il-Kunsill jissottolinja wkoll il-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni fil-livelli kollha biex jiġu żgurati eżiti rilevanti u effettivi tat-tagħlim sabiex tkun tista' tiġi sfruttata s-setgħa trasformattiva tal-edukazzjoni, billi jiġu appoġġati l-għalliema u jiġi żgurat li dawk li qed jitgħallmu, b'mod partikolari l-bniet u dawk l-aktar lura, jiksibu ħiliet fundamentali essenzjali u ħiliet diġitali.
14. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jieħdu impenji konkreti u li jistgħu jitkejlu biex iżidu l-appoġġ finanzjarju għas-saħħa, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali u servizzi soċjali bażiċi oħra, sabiex tintlaħaq il-mira ta' nfiq ta' mill-inqas 20 % tal-ġajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) għall-iżvilupp tal-bniedem u l-inklużjoni soċjali fil-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp, kif ukoll il-miri taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali li ġej. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri biex jingħaqdu f'dawn l-isforzi.
15. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jintensifikaw aktar l-isforzi biex jiksibu b'mod konġunt l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-azzjoni esterna sal-2030 inkluż billi jaħdmu lejn il-kisba tal-mira rilevanti taħt l-NDICI – Ewropa Globali li ġej, u jieħu nota, fid-dawl ta' dan, tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli dwar it-tielet Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru (GAP).

16. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-approċċi ta' Ħidma Aħjar Flimkien u ta' Tim Ewropa biex jinkiseb impatt trasformattiv permezz tal-programmazzjoni u l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa (TEI) u biex jittejbu l-effettività, il-koordinazzjoni u r-responsabbiltà tal-inizjattivi u l-fondi ta' għajjnuna globali, inkluż min-NU u l-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali. F'dan l-isfond, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jiksibu progress strutturat u li jista' jitkejjel biex l-UE, f'approċċ ta' Tim Ewropa, issir is-sieħeb globali ewlieni fl-iżvilupp tal-bniedem.
17. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jieħdu approċċ b'diversi partijiet ikkonċernati, filwaqt li jagħmlu użu sħiħ mis-sett ta' għodod tal-UE, fost l-oħrajn id-djalogu politiku u ta' politika, il-kondiviżjoni tal-għarfien bejn il-pari, l-assistenza teknika u l-għarfien espert tas-settur pubbliku (permezz tal-Ġemellaġġ u t-TAIEX), l-appoġġ baġitarju u l-istrumenti finanzjarji innovattivi, bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli+ (EFSD+) li ġej.
18. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu integrati objettivi soċjali, ambjentali u klimatiċi ambizzjużi fid-djalogu ta' politika, fl-istrateġiji u fl-azzjonijiet ta' finanzjament, bħall-Inizjattiva ta' Rkupru Globali, sabiex issir "rikostruzzjoni aħjar u aktar ekoloġika" u li jsir kontribut għall-allinjament tar-riżorsi kollha disponibbli fuq l-SDGs u l-finanzjament ta' miżuri soċjali u ekonomiċi b'appoġġ għal irkupru sostenibbli mill-kriżi tal-COVID-19, b'kunsiderazzjoni dovuta għal kwistjonijiet ta' sostenibbiltà tad-dejn. L-appoġġ għall-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi wkoll għandhom rwol ewlieni f'dan il-kuntest.
19. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jieħdu u jikkondividu t-tagħlimiet meħuda mill-investiment fl-iżvilupp tal-bniedem, filwaqt li jenfasizzaw il-kontribut annwali tar-Rapport tan-NU dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tittieħed azzjoni biex jissaħħu l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni tal-għarfien ibbażata fuq l-evidenza u r-responsabbiltà, biex jiżdied il-għbir ta' data dwar l-età, id-diżabbiltà u data diżaggregata skont is-sess, kif ukoll biex jiġu żgurati komunikazzjoni u viżibbiltà effettivi tal-isforzi tal-UE.